

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1962

tat-12 ta' Awwissu 2021

**li jikkoreġi l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 37(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Verifika żvelat żbalji fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/217 (²), li emenda dak l-Anness, żied għadd ta' sustanzi fit-Tabella 3 tal-Parti 3 tiegħu. L-entrati li jikkonċernaw is-sustanzi pentapotassju 2,2',2",2",2""(etan-1,2-diilnitrilo)pentaaċetat; N-karbossimetiliminobis(etilenenitrilo)tetra (aċidu aċetiku) u tetraaċetat tal-pentasodju(karbossilatometil)iminobis (etilenenitrilo) fihom żbalji relatati mal-kelma bħala sinjal. Dawk is-sustanzi huma klassifikati, inter alia, bħala tossikant spesifiku ta' organi fil-mira b'esponenti ripetut tal-kategorija 2 u għalhekk jenħtieġ li jiġi ttikkettati billi tintuża l-kelma bħala sinjal "Warning" (periklu) li tikkorrispondi mal-kelma bħala sinjal "Wng" f'konformità mat-Tabella 3.9.5. tal-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Madankollu r-Regolament Delegat (UE) 2020/217 bi żball introduċa l-kodiċi tal-kliem bħala sinjal "Dgr" (abbrevjazzjoni ta' "Danger" (periklu) għal dawk is-sustanzi. Jenħtieġ li dawk l-iżbalji jiġi kkoreġuti.
- (2) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jiġi kkoreġut skont dan.
- (3) Peress li d-dispożizzjoniijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2020/217 li fihom l-iżball japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2021, il-korrezzjoni tagħhom jenħtieġ li tapplika wkoll minn dik id-data.
- (4) Bl-istess mod, sabiex jiġi riflessi d-dispożizzjoniijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2020/217, jenħtieġ li l-fornituri jitħallew japplikaw il-korrezzjoni magħmula b'dan ir-Regolament għas-sustanza u t-taħlitiet qabel id-data tal-applikazzjoni tiegħu fuq bażi volontarja.
- (5) Sabiex jiġi evitati spejjeż bla bżonn, jenħtieġ li l-fornituri ma jintalbux ibiddlu t-tikketti u l-imballaġġi tas-sustanzi u t-taħlitiet li tqiegħdu fis-suq qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Peress li l-kodiċi tal-kelma bħala sinjal żbaljat jikkorrispondi ma' klassi ta' periklu aktar severa, iż-żamma tal-kelma bħala sinjal korrispondenti fuq it-tikketta ma jnaqqasx il-livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Il-kodiċi tal-kliem bħala sinjal "Dgr" fis-seba' kolonna "Pittogramma, Kodiċi tal-Kliem Sinjal" tat-Tabella 3 fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 fir-rigward tal-entrati li jikkonċernaw il-pentapotassju 2,2',2",2",2""(etan-1,2-diilnitrilo)pentaaċetat; l-N-karbossimetiliminobis(etilenenitrilo)tetra (aċidu aċetiku) u t-tetraaċetat tal-pentasodju(karbossilatometil)iminobis (etilenenitrilo) huwa sostitwit bil-kodiċi tal-kliem bħala sinjal "Wng".

(¹) ĠUL 353, 31.12.2008, p. 1.

(²) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/217 tal-4 ta' Ottubru 2019 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, u li jikkoreġi dak ir-Regolament (ĠU L 44, 18.2.2020, p. 1).

### Artikolu 2

Il-fornituri ma għandhomx jintalbu jibdlu, kif indikat fl-Artikolu 1, it-tikketta jew l-imballaġġ tas-sustanzi jew it-taħlilit li jkun fihom dawn is-sustanzi, li jkunu tqiegħdu fis-suq f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 qabel il-15 ta' Novembru 2021.

### Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2021.

Permezz ta' deroga mit-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu, is-sustanzi msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament u s-sustanzi u t-taħlilit li fihom dawn is-sustanzi, qabel l-1 ta' Ottubru 2021 jistgħu jiġu klassifikati, tikkettati u imballati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif ikkoreġut b'dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Awwissu 2021.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*